

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1003

tad-9 ta' Lulju 2020

li jġedded l-approvazzjoni tar-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal- *Phlebiopsis gigantea* bħala sustanzi attivi b'riskju baxx, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/113/KE ⁽²⁾ inkludiet ir-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea* bħala sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽³⁾.
- (2) Is-sustanzi attivi li hemm fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u qegħdin elenkati fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽⁴⁾.
- (3) L-approvazzjoni tar-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea* bħala sustanzi attivi, kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, tiskadi fit-30 ta' April 2021.
- (4) Ġiet ippreżentata applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni tar-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea* bħala sustanzi attivi f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ⁽⁵⁾ fil-perjodu taż-żmien previst f'dak l-Artikolu.
- (5) L-applikant ippreżenta d-dossiers supplimentari meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012. L-Istat Membru relatur sab li l-applikazzjoni kienet sħiħa.
- (6) L-Istat Membru relatur ħejja rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid b'konsultazzjoni mal-Istat Membru korelatur u ppreżentah lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fit-28 ta' Settembru 2018.
- (7) L-Awtorità għamlet is-sommarju tad-dossier supplementari disponibbli għall-pubbliku. L-Awtorità ċċirkolat ukoll ir-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid lill-applikanti u lill-Istati Membri għall-kummenti u nediet konsultazzjoni pubblika dwaru. L-Awtorità għaddiet il-kummenti li wasluha lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/113/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta mikroorganiżmi bħala sustanzi attivi (ĠU L 330, 9.12.2008, p. 6).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqşam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

- (8) Fit-18 ta' Settembru 2019, l-Awtorità bagħtet lill-Kummissjoni l-konklużjoni tagħha ⁽⁶⁾ dwar jekk jistax jiġi mistenni li r-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea* jissodisfaw il-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. F'Marzu 2020, il-Kummissjoni ppreżentat rapport ta' tiġdid inizjali u l-abbozz ta' Regolament dwar ir-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea* lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.
- (9) Il-Kummissjoni stiednet lill-applikant biex iressaq il-kummenti tiegħu dwar il-konklużjoni tal-Awtorità u, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012, dwar ir-rapport ta' tiġdid. L-applikant ippreżenta l-kummenti tiegħu, u dawn ġew eżaminati bir-reqqa.
- (10) Dwar l-użu rappreżentattiv, wieħed jew aktar, ta' mill-inqas prodott wieħed tal-protezzjoni tal-pjanti li fih bħala sustanzi attivi r-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea*, ġie stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati.
- (11) Il-valutazzjoni tar-riskju għat-tiġdid tal-approvazzjoni tar-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea* bħala sustanzi attivi hija bbażata fuq għadd limitat ta' użi rappreżentattivi, li madankollu ma jillimitawx l-użi li għalihom jistgħu jiġu awtorizzati l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom ir-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea*. Għalhekk, huwa xieraq li ma tinżammx ir-restrizzjoni għall-użu bħala fungicida biss.
- (12) Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li r-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea* huma sustanzi attivi ta' riskju baxx skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Ir-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea* mhumiex sustanzi ta' tħassib u jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 5 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Skont il-valutazzjoni mill-Istat Membru Relatur u l-Awtorità, u b'kont meħud tal-użi maħsuba, ir-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea* huma mikroorganiżmi li għalihom huwa mistenni riskju baxx għall-bnedmin, l-annimali u l-ambjent. Ma ġiet identifikata l-ebda żona kritika ta' tħassib, u l-*Phlebiopsis gigantea* mhijiex magħrufa li hija relatata ma' kwalunkwe patoġenu tal-bniedem jew tal-annimali. Il-*Phlebiopsis gigantea* ilha tintuża bħala aġent tal-bijokontroll għal aktar minn għaxar snin mingħajr ma wasslet għall-ebda effett negattiv fuq il-bnedmin sa mir-rieżami bejn il-pari preċedenti, u abbażi tal-użu maħsub (jiġifieri l-applikazzjoni diretta fuq is-superfiċje tal-parti maqtugħa taz-zokk tas-siġar koniferi) l-esponiment potenzjali għall-bnedmin u l-effetti fuq il-konċentrazzjoni tal-ħamrija li jseħħu b'mod naturali qed jitqiesu bħala negliġibbli. Għal dawn ir-raġunijiet huma previsti biss miżuri ta' mitigazzjoni ġenerali għall-ħaddiema, u b'mod ġenerali l-kriterji għall-approvazzjoni u l-kwalifika ta' riskju baxx huma ssodisfati għal dawn is-sustanzi attivi.
- (13) Għalhekk huwa xieraq li tiġġedded l-approvazzjoni tar-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea* bħala sustanzi b'riskju baxx.
- (14) Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 20(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, flimkien mal-Artikolu 13(4) tiegħu, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat kif jixraq.
- (15) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/421 ⁽⁷⁾ estenda l-perjodu ta' approvazzjoni tar-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 sat-30 ta' April 2021 tal-*Phlebiopsis gigantea* sabiex il-proċess tat-tiġdid ikun jista' jitlesta qabel ma jiskadi l-perjodu ta' approvazzjoni ta' daww is-sustanzi attivi. Minħabba li d-deċiżjoni dwar it-tiġdid qed tittieħed qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' approvazzjoni estiż, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Settembru 2020.

⁽⁶⁾ EFSA Journal 17(10):5820, doi: 10.2903/j.efsa.2019.5820. Jinsab fuq: www.efsa.europa.eu.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/421 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-estenzjoni tal-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi abamectin, *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) tar-razza QST 713, *Bacillus thuringiensis* subsp. Aizawai tar-razez ABTS-1857 u GC-91, *Bacillus thuringiensis* subsp. Israelensis (serotip H-14) tar-razza AM65-52, *Bacillus thuringiensis* subsp. Kurstaki tar-razez ABTS 351, PB 54, SA 11, SA12 u EG 2348, *Beauveria bassiana* tar-razez ATCC 74040 u GHA, clodinafop, clopyralid, *Cydia pomonella* Granulovirus (CpGV), cyprodinil, dichlorprop-P, fenpyroximate, fosetyl, *Lecanicillium muscarium* (li qabel kienet "*Verticillium lecanii*") tar-razza Ve6, mepanipyrim, *Metarhizium anisopliae* (var. *anisopliae*) tar-razza BIPESCO 5/F52, metconazole, metrafenone, *Phlebiopsis gigantea* tar-razez FOC PG 410.3, VRA 1835 u VRA 1984, pirimicarb, *Pseudomonas chlororaphis* tar-razza MA342, pyrimethanil, *Pythium oligandrum* M1, rimsulfuron, spinosad, *Streptomyces* K61 (li qabel kienet "*S. griseoviridis*"), *Trichoderma asperellum* (li qabel kienet "*T. harzianum*") tar-razez ICC012, T25 u TV1, *Trichoderma atroviride* (li qabel kienet "*T. harzianum*") tar-razez IMI 206040 u T11, *Trichoderma gamsii* (li qabel kienet "*T. viride*") tar-razza ICC080, *Trichoderma harzianum* tar-razez T-22 u ITEM 908, triclopyr, trinexapac, triticonazole u ziram (ĠU L 84, 20.3.2020, p. 7).

- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva

L-approvazzjoni tar-razez VRA 1835, VRA 1984 u FOC PG 410.3 tal-*Phlebiopsis gigantea* bħala sustanzi attivi, kif speċifikat fl-Anness I, hija mġedda suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u data ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Isem Komuni Numri ta' Identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal- approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
ir-razza VRA 1835 tal- <i>Phlebiopsis gigantea</i>	Mhux applikab- bli	Ebda impurità rile- vanti	fl-1 ta' Settem bru 2020.	fil-31 ta' Awwis su 2035.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' tiġdid dwar ir-razza VRA 1835 tal- <i>Phlebiopsis gigantea</i> , u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema. Il-produtturi għandhom jiżguraw li jżommu strettament mal-kundizzjonijiet ambjentali u li jagħmlu analiżi ta' kontroll ta' kwalità matul il-proċess ta' manifattura kif stabbilit fid-Dokument ta' Ħidma SANCO/12116/2012 fir-rigward tal-limiti fuq il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika ⁽²⁾ .”
<i>Phlebiopsis gigantea</i> tar- razza VRA 1984	Mhux applikab- bli	Ebda impurità rile- vanti	fl-1 ta' Settem bru 2020.	fil-31 ta' Awwis su 2035.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' tiġdid dwar ir-razza VRA 1984 tal- <i>Phlebiopsis gigantea</i> , u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema. Il-produtturi għandhom jiżguraw li jżommu strettament mal-kundizzjonijiet ambjentali u analiżi ta' kontroll ta' kwalità matul il-proċess ta' manifattura kif stabbilit fid-Dokument ta' Ħidma SANCO/12116/2012 fir-rigward tal-limiti fuq kontaminazzjoni mikrobijoloġika.
ir-razza FOC PG 410.3 tal- <i>Phlebiopsis gigantea</i>	Mhux applikab- bli	Ebda impurità rile- vanti	fl-1 ta' Settem bru 2020.	fil-31 ta' Awwis su 2035.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' tiġdid dwar ir-razza FOC PG 410.3 tal- <i>Phlebiopsis gigantea</i> , u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħarsien tal-operaturi u l-ħaddiema. Il-produtturi għandhom jiżguraw li jżommu strettament mal-kundizzjonijiet ambjentali u analiżi ta' kontroll ta' kwalità matul il-proċess ta' manifattura kif stabbilit fid-Dokument ta' Ħidma SANCO/12116/2012 fir-rigward tal-limiti fuq kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

⁽¹⁾ Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' tiġdid.

⁽²⁾ https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/plant/docs/pesticides_ppp_app-proc_guide_phys-chem-ana_microbial-contaminant-limits.pdf.

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti A, l-entrata 201 dwar ir-razez tal-*Phlebiopsis gigantea* tiġi sostitwita kif ġej:

“201	<i>Phlebiopsis gigantea</i> RAZZA: VRA 1985 Kollezżjoni tal-kultura: Nru DSM 16202 RAZZA: VRA 1986 Kollezżjoni tal-kultura: Nru DSM 16203 RAZZA: FOC PG B20/5 Kollezżjoni tal-kultura: Nru IMI 390096 RAZZA: FOC PG SP log 6 Kollezżjoni tal-kultura: Nru IMI 390097 RAZZA: FOC PG SP log 5 Kollezżjoni tal-kultura: Nru IMI 390098 RAZZA: FOC PG BU 3 Kollezżjoni tal-kultura: Nru IMI 390099 RAZZA: FOC PG BU 4 Kollezżjoni tal-kultura: Nru IMI 390100 RAZZA: FOC PG97/1062/116/1.1 Kollezżjoni tal-kultura: Nru IMI 390102 RAZZA: FOC PG B22/SP1287/3.1 Kollezżjoni tal-kultura: Nru IMI 390103 RAZZA: FOC PG SH 1 Kollezżjoni tal-kultura: Nru IMI 390104 RAZZA: FOC PG B22/SP1190/3.2 Kollezżjoni tal-kultura: Nru IMI 390105	Mhux appli- kabbli	Ebda impurità rilevanti	fl-1 ta' Mej ju 2009.	fit-30 ta' April 2020.	PARTI A L-użi bħala fungicida biss jistgħu jkunu awtoriz- zati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjo- ni dwar il- <i>Phlebiopsis gigantea</i> (SANCO/1863/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffin- lizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundiz- zjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaq- qis tar-riskju, fejn xieraq.”
------	---	-----------------------	----------------------------	--------------------------	------------------------	---

(2) fil-Parti D, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

“21	ir-razza VRA 1835 tal- <i>Phlebiopsis gigantea</i>	Mhux appli- kabbli	Ebda impurità rilevanti	fl-1 ta' Settembru 2020.	fil-31 ta' Awwissu 2035.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl- Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' tiġdid dwar ir-razza VRA 1835 tal- <i>Phlebiopsis gigantea</i> , u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. L-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti b'mod partikolari għall- ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema. Il-produtturi għandhom jiżguraw iż-żamma stretta tal-kundizzjonijiet ambjentali u analiżi ta' kontroll ta' kwalità matul il-proċess ta' manifattura kif stabbilit fid-Dokument ta' Ħidma SANCO/12116/2012 fir-rigward tal-limiti fuq kontaminazzjoni mikrobijoloġika.
-----	---	-----------------------	----------------------------	--------------------------	--------------------------	---

22	ir-razza VRA 1984 tal- <i>Phlebiopsis gigantea</i>	Mhux appli-kabbli	Ebda impurità rilevanti	fl-1 ta' Settembru 2020.	fil-31 ta' Awwissu 2035.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' tiġdid dwar ir-razza VRA 1984 tal- <i>Phlebiopsis gigantea</i> , u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema. Il-produtturi għandhom jiżguraw iż-żamma stretta tal-kundizzjonijiet ambjentali u analiżi ta' kontroll ta' kwalità matul il-proċess ta' manifattura kif stabbilit fid-Dokument ta' Ħidma SANCO/12116/2012 fir-rigward tal-limiti fuq kontaminazzjoni mikrobijoloġika.
23	ir-razza FOC PG 410.3 tal- <i>Phlebiopsis gigantea</i>	Mhux appli-kabbli	Ebda impurità rilevanti	fl-1 ta' Settembru 2020.	fil-31 ta' Awwissu 2035.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' tiġdid dwar ir-razza FOC PG 410.3 tal- <i>Phlebiopsis gigantea</i> , u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema. Il-produtturi għandhom jiżguraw iż-żamma stretta ta' kundizzjonijiet ambjentali u analiżi ta' kontroll ta' kwalità matul il-proċess ta' manifattura kif stabbilit fid-Dokument ta' Ħidma SANCO/12116/2012 fir-rigward tal-limiti fuq kontaminazzjoni mikrobijoloġika."